# Rapport ta' Ħidma
# 2007 – 2008

Leadership Committee

Kenneth Fiteni – Steve Falzon – Renzo Kerr Cumbo – Fr. Karm Debattista mssp – Brian Gauci

Assemblea Ġenerali – 17 ta' Frar 2008

F'isem il-Leadership Committee (LC) preżenti nippreżentaw dan ir-rapport ta' ħidma matul din l-aħħar sena minn mindu ġejna eletti għal dan ir-rwol.

Qabel kollox nixtiequ nirringrazzjaw lil Alan Camilleri, Edmond Żammit Laferla u Fr. Martin Galea mssp li flimkien ma' Fr. Karm u jiena konna nagħmlu parti mill-ewwel LC. Il-ħidma tagħhom u l-kontribut li taw sewa ħafna sabiex iċ-ĊAMYouths tingħata struttura b'identità iktar ċara u valuri li jagħtu sens lill-istil ta' ħajja li nippruvaw ngħixu fil-komunitajiet tagħna, fuq il-linji tal-kariżma ta' Ġużeppi Depiro. Grazzi ħafna.

Minn mindu ġie elett 'l hawn, jiġifieri mill-25 ta' Frar 2007, l-LC ltaqa' 40 darba b'kollox: sbatax (17)-il darba waħdu, għoxrin (20) darba ma' entitajiet oħra fi ħdan iċ-ĊAMYouths stess u tlett (3) darbiet ma' entitajiet jew individwi barra ċ-ĊAMYouths.

L-ewwel laqgħa kienet fil-25 ta' Marzu 2007 fejn qsamna ftit x'nixtiequ li tkun il-viżjoni tagħna u minn hemm bdejna bil-mod il-mod nfasslu l-valuri li xtaqna nħaddnu bħala LC. Kien mument importanti ħafna għalina il-laqgħa tas-27 ta' Marzu 2007 flimkien mal-membri tal-LC ta' qabilna; flimkien qsamna x'inhuma l-aspetti importanti u neċessarji, u l-idejat ta' kull wieħed minna, biex l-LC jwettaq ir-rwol u r-responsabbiltà tiegħu bl-aħjar mod possibli f'kontinwità ma' dak li bena l-LC ta' qabilna.

Kienet mill-ewwel ċara għalina li nżommu relazzjoni mal-komunitajiet u entitajiet fi ħdan iċ-ĊAMYouths permezz ta' komunikazzjoni kontinwa u trasparenza, u xtaqna li kemm jista' jkun nagħtu aktar opportunità lill-membri differenti u ġodda. Xtaqna nkomplu naħdmu biex tikber l-appartenenza fost il-membri lejn iċ-ĊAMYouths. Ħassejna wkoll l-importanza li l-ħidma tagħna tkun mibnija fuq ix-xewqat tal-membri u komunitajiet. Kien għalhekk li matul Ġunju u Lulju 2007 iltqajna mal-Guide Group, mas-Support Team ta' qabel u mal-komunitajiet kollha li jagħmlu ċ-ĊAMYouths fejn qabel kollox sirna nafu iktar mill-qrib lill-membri kif ukoll smajna dak li xtaqu jgħidulna u min-naħa tagħna qsamna magħhom x'kienet il-viżjoni tagħna. Grazzi għal Maria Caligari (A-Teens) il-punti li ħarġu minn dawn il-laqgħat nġabru kollha u ġew ikklasifikati.

Ħassejna l-importanza li kull wieħed minna jassumi rwol partikulari biex hekk ikun hemm iktar direzzjoni ċara. Ir-rwoli li assumejna kienu hekk:

- Kenneth u Steve – relazzjonijiet interni (fi ħdan iċ-ĊAMYouths);
- Fr. Karm – relazzjonijiet esterni (ma' entitajiet barra ċ-ĊAMYouths);
- Renzo – premises u webteam; u
- Brian – koordinatur tal-LC.

Fis-16 ta' Ottubru 2007 ltqajna mal-Vigarju tal-mssp il-ġdid – Fr. Louis Mallia mssp – u l-Kunsill tiegħu. Kien mument importanti fejn f'isem iċ-ĊAMYouths ressaqna x-xewqat tagħna, il-viżjoni għall-organizazzjoni tagħna u d-diffikultajiet li qed niltaqgħu magħhom. Il-Vigarju min-naħa tiegħu qasam magħna x'inhi l-viżjoni tal-mssp għal-lajċi f'Malta, fosthom iċ-ĊAMYouths, u kif jixtiequ li jtejbu s-sens ta' appartenenza qalb il-lajċi mssp.

- approvajna r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2006 kif ppreżentat mit-Teżorier Darren Micallef (Stripes) u qbilna li minħabba li issa għandna Statut approvat nifthu kont ġdid taħt l-isem taċ-ĊAMYouths;
- ħtarna lil Jonathan Spiteri (Clusters) bħala t-Teżorier taċ-ĊAMYouths. Id-deċiżjoni li jinbidel it-Teżorier ma kienetx waħda għax Darren Micallef ma kienx qed jagħmel xogħol tajjeb – anzi nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjawh ta' kemm kien metikoluż u eżatt f'xogħlu – iżda biex tingħata opportunità lil membru ieħor;
- fit-18 ta' Ġunju 2007 ippreżentajna uffiċjalment l-istatut taċ-ĊAMYouths lil Fr. Silvio Bezzina mssp bħala l-Vigarju ta' dak iż-żmien u ressaqna talba biex l-mssp jiggarantixxu bil-miktub li s-Soċjetà tkompli tagħmel ħilitha li tinnomina wieħed mill-membri tagħha bħala rappreżentant biex ipoġġi fl-LC – dan kif mitlub mill-Istatut (klawsola 6.3.1.2);
- bdejna naħdmu fuq proposta kif il-premises taċ-Ċentru jistgħu jitranġaw u jaqdu iktar il-bżonnijiet tagħna ċ-ĊAMYouths. Fil-fatt intgħażlu żewġ membri bħala rappreżentanti – Chris Formosa (Amistad) u Victor Żammit (A-Teens) – li ser jgħinu fil-koordinazzjoni tal-premises. F'dan ir-rigward fassalna wkoll pjanta bħala proposta biex inressquha lill-Vigarju tal-mssp u l-Kunsill tiegħu flimkien ma' suġġerimenti kif il-post jista' jitmexxa u jinżamm aħjar għall-bżonnijiet tal-entitajiet kollha li jagħmlu użu miċ-Ċentru. Wara li jibdew it-taħdidiet mal-Vigarju huwa fil-ħsieb tagħna li nikkonsultaw lill-Guide Group u sabiex naċċertaw li qed nolqtu l-bżonnijiet kollha u anke min-naħa tagħhom jaraw il-pjanijiet tagħna u jressqu s-suġġerimenti tagħhom;
- ġew magħżula l-Coordinators taċ-ĊAMKamp 2007 – Marie Claire Testa (NRG) u Jonathan Spiteri (Clusters) – li bl-assitenza ta' Ann Fenech (Equinox) mexxew dan l-avveniment importanti fis-sena taċ-ĊAMYouths;
- inħatru żewġ Guides – Marie Claire Testa (NRG) u Colin Frendo (Equinox) – biex imexxu l-aħħar komunità li ngħaqdet maċ-ĊAMYouths. Dawn iż-żewġ Guides ġodda qed jiġu mgħejjuna minn Elmer Pisani (Stripes) bħala forma ta' sapport. Nifirħu lil Marie Claire u lil Colin għal din l-esperjenza ġdida;
- intgħażel it-tieni Guide – Nathan Gatt (Amistad) – biex flimkien ma' Gilbert Gauci jakkumpanjaw lill-Equinox. Nifirħu lil Nathan. Dan kien proċess li ħa ftit tul ta' żmien iżda kien importanti li fl-aħħar mill-aħħar kulħadd joħroġ kuntent;
- ħtarna Support Team ġdid magħmul minn Audrey-Ann Vella (A-Teens), Sarah Borg (NRG), Stephanie Morana (Sin Fronteras), Andrew Camilleri (Equinox) u Jonathan Sammut (Equinox). Din kienet għażla diffiċli għax kellna għaxar (10) membri interessati. Fil-fatt il-ħames (5) persuni l-oħra aċċettaw li jgħinu lill-ST bħala *supporters*. Dawn huma Anne Azzopardi (Sin Fronteras), Diane Mifsud (Equinox), Simon Pace (Equinox), Sarah Pace (Equinox) u Ann Fenech (Equinox). Mill-ħatra tiegħu fit-8 ta' Ottubru, dan it-tim beda jopera mill-ewwel

u ħadem biex organizza l-Christmas Breakfast. Dawk li attendew naħseb kollha jaqblu li dan kien suċċess u minn hawn ngħidu proset lit-tim kollu;

- inħass il-bżonn li ĊAMyouths tibda tibbenefika wkoll mill-ħafna opportunitajiet li toffri l-EU fejn jidħol taħriġ u esperjenzi ta' skambju ma' żgħażagħ. Għalhekk membru mill-ST – Andrew Camilleri (Equinox) – ġie mogħti r-responsabbiltà li jieħu ħsieb dan l-aspett. Minħabba l-esperjenza li għandu fil-qasam, Etienne Micallef (Jovénes) aċċetta li jgħin. Minn din l-inizjattiva diġà bbenefikaw tliet (3) membri li kellhom l-opportunità jipparteċipaw fil-Youth Training Participation – Training Weekend f'Diċembru 2007. Dawn kienu Marie Claire Testa (NRG), Sarah Borg (NRG) u Audrey-Ann Vella (A-Teens). Approvajna talba biex Istivan Spiteri (Jovénes) – li bħalissa qiegħed jagħmel esperjenza ta' sena ġewwa l-Asja – jibbenefika mill-programm tal-European Voluntary Service (EVS) u jaħdem ma' NGO internazzjonali jisimha Loesje;
- f'isem iċ-ĊAMYouths applikajna għal fondi u ksibna Lm500 min-National Lotteries Good Causes Fund biex imorru għall-proġett ta' Napli u ngħatajna Lm400 mill-Youth Support Programm biex imorru għaċ-ĊAMKamp;
- ltqajna ma' Fr. Gerard Bonello mssp – ir-Rettur tal-iskola SPMC – biex nuru l-apprezzament tagħna għas-sapport kontinwu li huwa jagħtina permezz tal-faċiltajiet li toffri l-istess skola. Min-naħa tiegħu Fr. Gerard esprima s-sodisfazzjon lejn il-ħajja li hemm fi ħdan iċ-ĊAMYouths u wiegħed li ser ikompli jagħtina l-għajnuna tiegħu;
- tlabna biex il-webteam jerġa' jieħu spinta u minn hemm ħareġ il-*Konnekxins* – magħmul minn diversi membri fosthom Nathan Gatt (Amistad), Anne Azzopardi (Sin Fronteras), Diane Mifsud (Equinox), Matthew Curmi (Nακαmα), Leonard Busuttil (Nακαmα), Glenn Żarb (komunità ġdida) u David Borġ (komunità ġdida)– li beda l-ħidma tiegħu billi ċċirkula survey u anke għandu ħafna idejat kif jista' jservi bħala mezz ta' komunikazzjoni iktar ħajja. Tajjeb li ngħidu li dan it-tim anke daħal għal biċċa xogħol fid-Dar ta' San Ġużepp fejn fuq talba ta' Fr. Frankie Cini għin biex jinstallaw network;
- bħala ĊAMYouths rreġistrajna lilna nfusna fil-pjattaforma tal-NGDOs – din ser isservi biex apparti li nibnu relazzjonijiet ma' organizazzjonijiet oħra li qed jaħdmu fil-qasam ta' nies vulnerabli u l-fqar, aħna nkunu nistgħu nsemmgħu leħinna f'issues li huma relatati. Fil-fatt Etienne Micallef (Jovénes) laqa' l-istedina li jkun ir-rappreżentant taċ-ĊAMYouths f'dan il-forum;
- kellna xi persuni li urew interess li jissieħbu fiċ-ĊAMYouths u bħalissa hemm uħud minnhom li diġa qegħdin fil-proċess ta' familjarizazzjoni. Hemm ukoll xi persuni oħra li f'dan iż-żmien qed nikkonsultaw mal-komunitajiet biex naraw minn minnhom qiegħed f'sitwazzjoni li jilqa' membri ġodda;
- appuntajna lil Stephanie Morana (Sin Fronteras) bħala t-tieni Guide għal Takara – ħassejna li wara li Stephanie kien ilha takkumpanja lil din il-komunità b'mod ta' benefiċċju għall-istess komunità, kien issa xieraq li hija tieħu dan ir-rwol. Minn hawn nifirħulha;
- ħdimna biex ikollna segretarju/a li tgħin fl-amministrazzjoni tal-LC u minn Diċembru 2007 Marouska Micallef (Jovénes) assumiet dan ir-rwol;

- l-esperjenza ta' Napli qed tkun waħda valida għal ħafna nies li jipparteċipaw fiha. Fil-fatt għas-sitt (6) sena konsekuttiva ċ-ĊAMYouths reġa' daħal għal dan il-proġett. Għal dan il-għan waqqafna il-PDT għal Napli 2008 biex jakkumpanja fil-formazzjoni u preparazzjoni tal-grupp ta' voluntiera li ser jitilgħu jagħmlu din l-esperjenza. Dan it-tim ser ikun magħmul minn Kevin Grech (Stripes), Agnes Cahia Picard (Sin Fronteras), Adrian Żahra (Jovénes), Fr. Karm Debattista mssp u Fr. Martin Galea mssp. L-applikazzjonijiet li rċivejna għal din is-sena kien numru sabiħ ta' tnejn u erbgħin (42) applikant;
- aċċettajna l-istedina mill-Kummissjoni Djoċeżana Żagħżagħ (KDŻ) biex flimkien mal-iSPYS norganizzaw żewġ eventi mportanti – waħda f'Mejju u l-oħra f'Settembru – fejn l-Arċisqof ta' Malta Pawlu Cremona ser jiltaqa' mal-gruppi li dan is-sajf ser jagħmlu volontarjat jew xogħol ta' missjoni kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Bħalissa qegħdin nikkonsultaw mal-komunitajiet biex naraw min huwa interessat ikun involut;
- f'Jannar 2008 għal darb'oħra ressaqna t-talba biex l-mssp jiggarantixxu bil-miktub li s-Soċjetà ser tkompli tagħmel ħilitha li tinnomina wieħed mill-membri tagħha bħala rappreżentant biex ipoġġi fl-LC. Kien ta' pjaċir għalina li l-Vigarju Fr. Louis Mallia mssp ħabbrilna verbalment li Fr. Karm ġie kkonfermat li ser ikun magħna u wkoll li ser tingħata prijorità biex il-premises taċ-Ċentru ser jitranġaw;

## Pjanijiet għall-futur:

- noffru s-sapport tagħna biex il-Guide Group – li llum hemm fih dsatax (19)-il Guide – ma jitlifx l-identità tiegħu u jsib l-aħjar mod kif jista' jkun ċellola ta' sapport u formazzjoni għall-Guides u l-bżonnijiet diversi u partikulari ta' kull wieħed u waħda minnhom;
- ngħinu biex jinstab *Coordinator* għall-Guide Group;
- ngħinu biex il-Professional Development Team (PDT) jerġa' jibda jopera u jagħti s-sehem tiegħu fil-formazzjoni tal-membri kollha, b'mod speċjali dawk li qed jassumu rwoli partikolari u ta' responsabbiltà;
- flimkien mal-Guide Group naraw kif l-istruttura taċ-ĊAMKamp tista' tinbidel sabiex jintlaħqu iktar l-bżonnijiet partikulari u individwali tad-diversi komunitajiet tagħna. Dan il-bżonn qed jinħass kull sena dejjem iktar minħabba li bħala ĊAMYouths qed nikbru u l-etajiet qed ivarjaw sew (fejn xi wħud minna m'għadhomx daqshekk żgħażagħ!) u għalhekk il-bżonnijiet ta' kull wieħed u waħda minna qed isiru dejjem iktar differenti;
- inkomplu niddjalogaw mal-Vigarju tal-mssp f'Malta u l-Kunsill tiegħu biex ikollna premises aktar xierqa għall-użu taċ-ĊAMYouths – inħossu li dan huwa tir importanti ħafna għax nemmnu li dan iġib sens ikbar ta' *ownership* u *belonging*;
- permezz tal-kontribut tal-*Konnekxins*, nagħtu s-sehem tagħna biex ikun hemm komunikazzjoni ħajja għaddejja fi ħdan iċ-ĊAMYouths u anke ma' entitajiet 'l barra minnu permezz ta' diversi mezzi. Fil-fatt huwa pjaċir tagħna

ninawguraw in-*newsletter* taċ-ĊAMYouths li fiha qed tinkorpora wkoll 'il-Kebbies';

- nfasslu manwal ta' proċedura għall-*Coordinators* u l-*equipes* taċ-ĊAMKamp mibni fuq l-esperjenza ta' membri li kellhom dan ir-rwol fis-snin ta' qabel biex b'hekk niffaċilitaw ix-xogħol għaċ-ĊAMKamp li ġejjin. Fil-fatt diġà bdew il-kuntatti minn biex dan ix-xogħol isir fil-ġimgħat li ġejjin. F'din il-ħidma ser ikun hemm involuti Clint Tanti (Clusters), Stephen Farrugia (NRG), Steve Falzon (A-Teens), Marie Claire Testa (NRG), Jonathan Spiteri (Clusters) – li kollha kienu assumew ir-rwol ta' ĊAMKamp *Coordinators* – u Kenneth Fiteni;
- naraw li l-Istatut jinqaleb għall-Malti. Fil-fatt Juan Debono (Kbar) aċċetta li jieħu din il-biċċa xogħol f'idejh u li jinvolvi membri oħra li jinqalgħu biex jittraduċu mill-Ingliż għall-Malti – grazzi bil-quddiem lil dawk kollha li ser jagħtu s-sehem tagħhom;
- nfasslu *policy* fuq opportunitajiet u proġetti offruti minn entitajiet oħra. Dan sabiex niżguraw li kulħadd ikollu opportunità indaqs li jipparteċipa u jibbenfika u li ma jkunx hemm trattament preferenzjali lejn ħadd;
- naslu għal deċiżjoni jekk l-isem taċ-ĊAMYouths għandux jinbidel jew le u dan minħabba l-fatt li l-isem stess m'għadux jirrifletti n-natura u l-istruttura tal-komunitajiet tagħna. Nifhmu li din hija deċiżjoni mportanti ħafna u li titlob ħafna ħsieb u serjetà, u għalhekk nixtiequ li ma noħduhiex aħna weħidna imma li ninvolvu lill-komunitajiet kollha biex jieħdu sehem attiv. Għalhekk qed nipproponu hekk: 1. nibdew billi nistaqsu jekk l-isem għandux jinbidel u hawnhekk nistaqsu lil kull komunità biex tiddixerni u tiddeċiedi jekk taqbilx jew le; 2. fl-Assemblea Ġenerali ser titressaq l-istess domanda u hemmhekk isseħħ il-votazzjoni favur jew kontra; 3. skond ir-riżultat, jinbeda jew jingħalaq il-proċess tal-bdil tal-isem; u 4. jekk ir-riżultat ikun favur, jinbeda proċess fejn jingħażel isem ġdid bis-sehem attiv ta' kull komunità.

## Konlużjoni

Kif tafu intom ilkoll iċ-ĊAMYouths illum kiber mhux ħażin...b'erbatax (14)-il komunità u b'iktar minn 150 membru. U għalkemm dan huwa ta' pjaċir għalina, ix-xogħol kull ma jmur qed jikber. Naħsbu ilkoll taqblu magħna li din il-ħidma kollha ma kienetx tkun possibli li kieku aħna l-ħamsa konna weħidna. Wara dan ix-xogħol kollu kien hemm sapport minn ħafna nies u f'forom differenti. Grazzi lil dawk kollha li emmnu u għadhom jemmnu fina. Grazzi lill-membri li taw s-sehem tagħhom billi ressqu idejat u suġġerimenti, ġibdulna l-attenzjoni fuq xi ħaġa li ma konniex qed nagħmlu bl-aħjar mod, li kkoperaw magħna fuq proposti li ressaqna aħna u billi assumew rwoli jew daħlu għal biċċa xogħol li ppreżentajnielhom aħna. Grazzi għax mingħajrkom dan kollu ma kienx ikun possibli. Grazzi talli ċ-ĊAMYouths qiegħed għal qalbkom kif inhu għalina. Hekk biss nistgħu nkomplu nikbru bejnietna u nimxu 'l quddiem – billi naħdmu id f'id u nagħmlu din ix-xi ħaġa sabiħa li qed ngħixu lkoll dejjem iktar tagħna. Hekk biss jista' ċ-ĊAMYouths jibqa' jieħu u jagħti l-ħajja.

23 ta' Jannar 2008